# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 198/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Kirsten Mifsud**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2019

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-appellant, Kirsten Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 409990M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-27 t' April 2015 ghal habta tan-12:30pm gewwa l-inhawi tal-Fata fil-limiti ta' Haz-Zabbar u f'dawn il-gzejjer:

1) Ikkacca jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett skond ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Spanjulett Falco tinnunculus (inkluz fi skeda IX), mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-

kondizzjonijiet ta' kull licenza li tinghata tahthom u dan hi ksur ta' regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat tal-ligi sussidjarja 504.71.

2) Ikkaccja jewipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fi Skeda II, u cioe' Spanjulett Falco tinnunculus (inkluz fi skeda IX), u dan bi ksur ta' regolament 5 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat tal-ligi sussidjarja 504.71.

3) Ikkaccja minn fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-iskeda II, u cioe' Spanjulett Falco tinnunculus (inkluz fi skeda IX), bi ksur ta regolament 5 (3) (a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat tal-ligi sussidjarja 504.71.

4) Talli ukoll fl-istess data, lok. hin u cirkostanzi naqas milli jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenza u f'kull ligi ohra. u cioe' kondizzjonijiet numru I u kondizzjoni numru 10 tal-Licenzja Specjali ghall-Kacca fir-rebbiegha 2015 mahruga taht ir-Regolamenti dwar Qafas biex Tigi Permessa Deroga li Tiftah l-Istagun ghall-Kacca tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegha (L.S. 504.94), u dan bi ksur ta' regolament 12 (1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat tal-ligi sussidjarja 504.71.

Il-Qorti kienet mitluba li minbarra il-piena skont il-ligi tordna il-konfiska tal-corpus delicti, inkluz Shotgun' tal-ghamla Vemey Carron bin-numru tar- registrazzjoni 672267 li serva jew li kien mahsub li serva sabiex isir id-delitt, u dan bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u regolament 27 tal A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, kif ukoll il-konfiska tal-oggetti esebiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' April, 2015 li biha sabet lill-

imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sena (1) kif ukoll ghall-multa ta' hamest elef Euro (€5,000) filwaqt u rrevokatlu b'mod permanenti kull licenzja jew permess mahruga lilu ghal kacca filwaqt illi ordnat il-konfiska tas-senter esebit mill-prosekuzzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Kirsten Mifsud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' April, 2015, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **tikkancella** s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu jew **tikkonferma** is-sentenza appellata u **tbiddel** il-piena f'wahda aktar miti u idonea fic-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi mill-gdid;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata b'zewg aggravji ta' natura procedurali *cum* dik kostituzzjonali, gravam fir-rigward tal-apprezzament zbaljat tal-provi u iehor dwar il-piena kominata. Dawn ser ikunu konsiderati *seriatim* izda, qabel xejn jokkorri li jkunu brevement rakkontati l-fatti;

2. F'April tas-sena 2015, l-imputat, kaccatur licenzjat, kien qieghed ghal-kacca flimkien ma' zewg persuni ohra fl-inhawi tal-Fata limiti ta' Haz Zabbar, meta tajra protetta, Spanjulett, intlaqat

b'tir u waqghet gewwa l-artijiet ta' St. Edwards College gewwa l-Birgu. Minn indagini li ghamlet minnufih il-Pulizija kkonkludiet li kien l-imputat li spara fuq din it-tajra protetta u ghalhekk ressquh b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex iwiegeb ghall-allegat eghmil tieghu bl-imputazzjonijet odjerni;

**Preliminari:**

3. L-ewwel lanjanza tal-appellant hi li l-procedura adoperata mill-ewwel Qorti kienet leziva tad-dritt fondamentali tieghu ghal-smiegh xieraq skond il-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan ghaliex fi procedura li hi rimessa f'idejn il-Pulizija kienet ammessa bhala *parte civile* l-FKNK (Federazzjoni Kaccaturi, Nassaba Konservazzjonisti) meta din ma kellha ebda interess fil-kawza u l-imputat mhux membru taghha;

4. Mill-atti processwali jirrizulta illi fit-28 t'April 2015 l-FKNK intavolat nota li biha infurmat lil-Qorti li hija parti offiza fil-kawza u ghalhekk talbet li tkun ammessa bhala parte civile. L-ewwel Qorti laqghet din it-talba b'digriet tal-istess jum. *In primis* irid jinghad illi dan mhux il-forum fejn ikunu decizi hwejjeg ta' natura Kostituzzjonali. Dak li din il-Qorti tista' tikkonsidra 'cirkostanzi konsimili, hu li tara jekk b'dik l-allegata lezjoni ta' dritt l-ewwel Qorti naqset milli taghti smiegh xieraq il-konsegwenza ta' liema hi n-nullita' tal-process;

5. Il-kwistjoni hawn skrutinata hija regolata bis-subartikoli (4) u (5) tal-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali li jipprovdu hekk:

> *(4) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6), parti offiza li jkollha interess li tkun prezenti matul proceduri maghmulin mill-Pulizija jkollha l-jedd li tikkomunika dak l-*

*interess lill-pulizija billi taghti l-partikolaritajiet taghha flimkien mal-indirizz fejn tkun toqghod u malli jsir dan dik il-parti offiza ghandha tigi notifikata b'avviz li jkun fih id-data, il-post u l-hin tal-ewwel smiegh f'dawk il-proceduri u jkollha l-jedd li tkun prezenti fil-qorti matul dak is-smiegh u matul kull smiegh iehor li jigi wara wkoll jekk tkun xhud.*

*(6) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6), persuna li ma tigix notifikata bl-avviz imsemmi fis-subartikolu (4) u li tkun qed tippretendi li hi parti offiza tista' titlob lill-Qorti li tiddahhal fil-proceduri bhala parti offiza u jekk il-pretensjoni taghha li hija parti offiza tintlaqa' mill-qorti, minn dak il-waqt 'l quddiem dik il-persuna jkollha l-jedd li tkun prezenti matul kull smiegh li jigi wara wkoll jekk tkun xhud;*

6. L-appellant jargumenta illi l-FKNK mhix milquta b'mod dirett jew immedjat bil-fatti addebitati lill-imputat u ghalhekk qatt ma setghet kienet ammessa bhala *parte civile*. Ma kien hemm l-ebda lezjoni ta' dritt fil-konfront tal-FKNK u ma hemm l-ebda konnessjoni bejnha u bejn l-imputat tant li ma huwiex membru taghha;

7. Is-subartikoli (4), (5) u (6) tal-artikolu 410 kienu introdotti bis-sahha tal-Att III tal-2002 u jidher li huma intizi biex jaghtu dritt lill-kull min ghandu interess fil-kawza li altrimenti ma jistax ikun ammess mod iehor. Fis-sentenza Il-Pulizija vs Piju Camilleri et [App Krim 5. 06.1986] allura qabel l-emendi tal-2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi "*Dan l-artikolu 422 tal-Kap 12* [llum 410 tal-Kap 9] *hu wiehed mid-disposizzjonijiet generali li jghoddu ghall-Qorti tal-Pulizija Gudizzjarja sew bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kemm bhala Qorti Istruttorja; Minn dan l-artikolu jsegwi wkoll illi l-parti civili hi ammessa mil-ligi stess kemm jekk l-azzjoni*

*titmexxa fuq kwerela di parte kif ukoll jekk immexxija "ex officio".* Fil-fehma ta' din il-Qorti jista' jitqies bhala parti civili f'kawza kriminali mhux biss il-kwerelant izda ukoll kull persuna li b'mod dirett jew indirett tista' tarreka pregudizzju bl-allegata azzjoni antiguridika tal-imputat. Fil-kaz odjern l-FKNK ghamlet talba ghalhekk quddiem l-ewwel Qorti li kienet milqugha u minflok ma l-appellant ressaq aggravju dwar dak id-digriet ghazel illi jaghmel lanjanza ta' indoli kostituzzjonali li mhix fil-kompetenza ta' din il-Qorti;

8. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

9. Fit-tieni gravam tieghu, l-appellant jilmenta illi ma inghatax zmien bizzejjed sabiex jipprepara d-difiza tieghu u spjega kif fl-istess jum li fih tressaq b'arrest, il-prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda kollha taghha u kkonkludiet il-provi, li fil-fehma tal-appellant hija haga ferm insolita. Izid jghid l-appellant illi wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat l-eghluq tal-provi taghha, id-difiza talbet differiment sabiex ikun jista' jirregola ruhu u l-ewwel Qorti cahdet it-talba;

10. Ezami tal-verbal tal-udjenza quddiem l-ewwel Qorti juri illi wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, l-impuat iddikjara li ma kienx ser jixhed kif ukoll li ma kienx ser iressaq provi. Dan ma jirriflettix dak minnu osservat fil-lanjanza in dizamina. Ma hemm xejn fl-atti processwali li jiddemostra li huwa talab ghal-differiment u li tali talba kienet michuda u ma hemm ebda protesta registrata in atti bhalma kien hemm dwar it-talba ghall-ammissjoni tal-parte civile. Kontrarjament ghal dan hemm registrat ukoll illi d-difensur tal-appellant ghamel sottomissjonijiet qabel ma l-Qortiipposponiet il-kawza ghas-sentenza. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

**Fil-mertu:**

11. Mix-xhieda li ddeponew quddiem din il-Qorti jemergi illi fid-data u l-hin tal-incidenti, l-appellant kien qieghed ghal-kacca u kien nizel fl-inhawi flimkien ma' kaccattur iehor izda imbaghad infirdu.

Ma hemmx dubju dwar dan ghaliex kien hemm xhieda ohra li gharfu u kkonfermaw l-istess. F'hin minnhom instemghu tlett tiri gejjin mid-direzzjoni li kien fiha l-appellant u wiehed mix-xhieda, li ghal bidu haseb li t-tiri kienu diretti lejn xi gamiem, ra seqer deskritt bhala ghasfur ferm differenti minn ohrjan ghaliex huwa akbar u jaghti fl-iswed u l-ahmar;

12. Wiehed mix-xhieda ra seqer ghaddej fil-baxx u fl-istess waqt sema' tlett tiri gejjin mid-direzzjoni tal-imputat u ghalkemm ma rahx jispara, rah jerfa' s-senter u dak kien l-ahhar li ra lill-imputat. Dan ix-xhud, Joseph Aquilina, aktar tard ikkonferma illi kien ra lill-imputat jipponta ossia jerfa' s-senter tieghu biex jispara u meta l-imputat avvicina lix-xhud, dan tal-ahhar staqsieh x'kien ghamel ghaliex kien ra s-seqer jaqa' u qallu "ghamejt" u fehem li mhux ghaliex ghama bix-xemx izda ghaliex kien spara.;

13. Wiehed mix-xhieda, Shaun Spiteri, kien madwar sebghin pass boghod mill-imputat u jghid illi x-xhud Joseph Aquilina kien hdejn l-imputat. Joseph Aquilina xehed li kien distanza sew boghod mill-imputat u biddel drastikament il-verzjoni tieghu li kien ta quddiem il-Qorti tal-Magistrati hekk kif jemergi minn qari tas-sentenza appellata;

14. Spiteri ra lill-imputat jispara s-senter fl-istess waqt ghalkemm ma rahx jispara fuq is-seqer - ra s-seqer ghaddej minn qalb il-qasab u sema tlett tiri li sparahom l-imputat. Jikkonferma ukoll dak li qalet l-ewwel Qorti, jigifieri li hu xehed li ra lill-imputat jippunta s-senter tieghu fid-direzzjoni tas-seqer u cert ukoll li l-imputat spara s-senter tieghu izda ma kienx jaf jekk kienx hu li laqat it-tajra u cert ukoll li ma kienx Aquilina li spara;

15. Xhud iehor li kien fuq il-post dak il-hin, Christopher Bonello, ukoll sema' tiri gejjin mid-direzzjoni fejn kien jinsab l-imputat.

16. Mill-kumpless tal-provi, imbaghad jirrizulta illi din it-tajra waqghet feruta fl-artijiet tal-iskola St. Edward's College u l-Pulizija haduha biex tiddewwa u ghaddiet biex tinvestiga l-kaz minn fejn ghaddiet biex tarresta tlett kaccaturi li kienu mgharufa li jiffrekwentaw l-inhawi, fosthom Joseph Aquilina u dan wassalhom biex ikun identifikat l-imputat;

17. Il-Qorti ezaminat b'mod minizzjuz l-atti processwali u b'mod partikolari is-sentenza appellata mill-ottika tad-deposizzjonijiet moghtija sia kif rakkontati mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kif ukoll quddiem din il-Qorti. Minn dan l-ezami din il-Qorti ma tara xejn censurabbli fid-decizzjoni ta' dik ta' l-ewwel grad. Hija decizzjoni li l-ewwel Qorti setghet tasal ghaliha legalment u ragjonevolment. Tressqet il-prova li t-tajra hija wahda protetta kif elenkat fl-Iskeda IX tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-ghasafar Selvaggi. Tressqet il-prova diretta li l-imputat kien ipponta s-senter tieghu lejn din it-tajra; li spara is-senter tieghu u li wara l-isparatura ddikjara ma' siehbu li kien ghama meta mistoqsi x'kien ghamel. Il-Qorti ma rravizatx il-konflitt fil-provi lanjanti mill-appellant u ghalhekk kienet aktar milli korretta l-ewwel Qorti fil-konkluzzjoni taghha;

18. Kwantu l-aggravju dwar il-piena l-appellant jghid li hija wahda harxa u esagerata u kwantu l-konsegwenzjali taghha, is-sospensjoni tal-licenzja, jargumenta li din ma setghetx tkun imposta la darba mhix mitluba mill-prosekuzzjoni;

19. Illi r-reati li taghhom instab hati l-appellant huma soggetti ghal-piena kif ravvizata fil-Legislazzjoni Sussidjara numru 504.71 li huwa l-Avviz Legali 79 tal-2006 kif emendat u li llum jinsab indicjat bhala Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 fil-ligijiet ta' Malta. Fid-data tal-kommissjoni tar-reat, 27 t'April, 2015, huwa applikabbli l-Avviz Legali kif l-ahhar emendat qabel ir-reat igifieri bl-AL 110 u 252 tal-

2014 ghaliex l-AL 281 tal-2015 kien pubblikat fil-21 t'Awwissu 2015 u ghalhekk mhux applikabbli;

20. Illi l-appellant kien *inter alia* imputat li ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur li huwa protett u inkluz fl-Iskeda IX tar-regolament u ghalhekk kontra ir-regolament 4(1) (a) l-istess regolamenti u kontra l-licenzja tal-kacca mahruga lilu. Ghalhekk hija applikabbli il-piena ravvizata fit-tielet proviso tas-subregolament 27(2) li jipprovdi li kull min jikkaccja jew jittanta li jikkacja jew jiehu jew jittanta li jiehu ghasafar inkluzi fl-Iskeda I jew fl-Iskeda IX, izda mhux inkluzi fl-Iskeda II, jehel, fil-kaz ta' l-ewwel darba multa ta' €5000 jew prigunerija ghal zmien sena, jew dik il-multa u prigunerija flimkien **kif ukoll ir-revoka permanenti ta' kull licenzja jew permess mahrug skond ir-regolament kif ukoll konfiska tal-*corpus delicti***;

21. Ghalhekk l-argument tal-appellant li l-ewwel Qorti ma setghetx tordna l-iskwalifika tal-licenzja ghaliex il-prosekuzzjoni ma ghamlitx talba ghal daqshekk ma huwiex wiehed validu;

22. Ghalhekk ukoll il-quantum tas-sena prigunerija mposta mill-ewwel Qorti ma kienitx wahda diskrezzjonali ghaliex la darba ghazlet li timponi piena karcerarja kellha bilfors tkun ta' sena. L-ewwel Qorti kellha diskrezzjoni taghzel bejn li timponi multa jew prigunerija jew it-tnejn u ghazlet it-tnejn li huma li f'dak il-kaz ma setghetx tkun aktar jew anqas minn sena. Il-piena ghalhekk kienet fil-parametri tal-ligi. Madankollu, din il-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-appellant minn fejn jirrizulta illi xellef dufrejh darba wahda b'kundanna ghal-pussess ta' droga u kien inheles b'kundizzjoni fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446;

23. Issa, ghalkemm ma huwiex normali li din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' dik tal-ewwel grad fil-kominazzjoni tal-piena, hija prassi kostanti illi sabiex tasal ghal-kundanna ta' prigunerija trid tkun tat l-opportunita' lill-hati, dejjem skond il-gravita' tal-kaz, sabiex ifittex it-triq tar-riforma. Hija l-fehma ta'

din il-Qorti illi l-pass li jmiss wara li l-imputat inghata l-beneficcju moghti lill-*first offenders* li jmur ghal-doza aktar qawwija bil-possibilita' li ma jergax jizbalja. Ghal dawn ir-ragunijiet ser tghaddi biex tvarja l-piena erogata;

24. Ghal dawn il-motivi, tichad it-talba tal-appellant ghar-revoka tas-sentenza appellata, izda tilqa' t-talba ghar-riforma taghha billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu kif ukoll f'dik il-parti li biha kkundannatu ghall-multa ta' €5000, f'dik il-parti li biha rrevokatlu b'mod permanenti l-licenzji jew kull permess lilu mahrug taht ir-Regolamenti kif ukoll dik il-parti li biha ordnat il-konfiska tas-senter esebit mill-prosekuzzjoni, thassarha f'dik il-parti li kkundannatu ghal-sena prigunerija effettiva u minflok tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ghal zmien sena li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ma jiddekorrix hlief jekk l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn mil-lum;

25. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza.